# " D A W L  T A L - G A S "

Thriller fi tlett Atti

Ta'

Patrick Hamilton

Maqlub għal Malti minn

<u>Charles Attard</u>.

Il-Ġrajja ssir fi żmien ir-Reġina Vitterja.

Jieħdu sehem:

Mrs. Manningham,

Mr. Manningham,

Mr. Rough, Spettur tal-Pulizija,

Miss Elizabeth,

Miss Nancy.

Dil-Play ġiet ippreżentata għall-ewwel darba fil-5 ta' Diċembru, 1938, f'Richmond Theatre, Richmond, diretta minn Gardner Davis.

It-traduzjoni ġiet megħtija bidu fil-11 ta' Settembru, 1963 u mitmuma fis-16 ta' Frar, 1965.

M A L T A.

1 9 6 5.

# " D A W L  T A L - G A S "

## L-EWWEL ATT.

Ix-Xena:

Kamra komuni fl-ewwel pjan ta' dar b'erba' sulari, f'naħa x'aktarx imwarba ta' Londra. Iż-żmien hu fl-aħħar xhur tas-seklu li għadda. Il-kamra tidher mgħammra b'ħafna għamara u purtieri ta' l-epoka, b'dan kollu, l-atmosfera turi faqar, dwejjaq u ħażen.

Iċ-ċumnija tidher fuq il-Kemin. Bieb fuq il-Lemin, ilfuq miċ-ċumnija, li jagħti għal kamra oħra ċkejkna. Kannape' fuq il-L., l-isfel miċ-ċumnija. Mejda fin-nofs. Skrivanija quddiem it-tieqa, fil-faċċata, fin-nofs. Armarju fuq ix-Xellug ta' l-iskrivanija. Skrivanija oħra jew Bureau mal-ħajt, l-isfel fuq ix-X. Lampa fuq ix-X., ilfuq mill-Bureau. Bieb fil-faċċata fuq ix-X. li jagħti għal passaġġ u għal taraġ.

Meta jiftaħ is-siparju, il-kamra tidher imdallma. Il-ħin hu wara nofs in-nhar, fit-tard, il-ħin li fih wasal biex jinxtgħel id-dawl tal-Gas u jittieħed it-te'. Quddiem in-nar taċ-ċumnija, fuq pultruna, jidher Manningham, mitluq fuq pultruna, stirat, rieqed fil-fond. Jidher li hu raġel twil, sabiħ u li jgħodd madwar il-ħamsa u erbgħin sena. Fuq xoftejh, għandu mustaċċi folti u barbetti li jaslu l-isfel minn widnejh. Għandu persuna sabiħa u jidher liebes tajjeb ħafna. Il-manieri tiegħu jigbduk u perswasivi, fl-istess waqt jidhru wkoll misterjużi u ħorox.

Mrs. Manningham qiegħeda bilqiegħda ħdejt fuq kannape'. Għandha ma' l-erba' u tletin sena. Żmien ilu kienet mara sabiħa, imma issa, tidher li saret bla kont, sfajra magħluba qisha xi waħda maħkuma minn xi twerwir. Taħt għajnejha jidhru rugi li juru l-għejja u n-nuqqas tar-rqad.

Pawsa. Mit-triq, fil-bogħod, jinstama' l-għajjat ta' bejjiegħ ta' l-isfineġ, waqt li tinstama' ddoqq qampeina ċkejkna.

Għal ftit waqtiet, Bella tinstama' tisamma' bħal waħda mbażża', imbagħad tqum u ħafifa tersaq lejn it-tieqa, tħares l-isfel lejn it-triq. Wara ftit tigri lejn il-lazz tal-qampiena li hemm ħdejn ~~xxxxxxxx~~ il-bieb u tigbdu. Terġa' l-ura, taqbad l-oġġetti tal-ħjata, tigbarhom f'kaxxa u minnha toħroġ borża. Taħbita fuq il-bieb u Elizabeth, il-koka, u l-House-keeper tidħol fil-kamra. Elizabeth tidher mara kwieta, ubbidienta u għandha madwar ħamsin sena. Tagħmel is-sinjal li r-raġel tagħha jinsab rieqed. Mrs. Manningham tersaq lejha u tkellimha kważi f'widnitha waqt li din tinsab fil-bieb. Bella, (Mrs. Manningham) tagħtiha xi ħaġa tal-flus mill-borsa.

(Elizabeth toħroġ)

Mr. M. : (Jiftaħ għajnejh imma jibqa' bla ma jitħarrek) Bella, X'inti tagħmel?

Bella: Xejn, għażiż tiegħi....(Terġa' għalfejn it-tieqa biex tħares għal barra) Orqod ftit ieħor.

(Pawsa. Tersaq lejn il-kaxxa tal-ħjata biex terġa' tqiegħed il-borsa fleki/a, twarrab il-kaxxa minn fuq il-kannape', imbagħad terġa' lejn it-tieqa.)

Mr. M. (Li għadu b'għajnejh magħluqa) Bella, nista' nkun naf x'inti tagħmel? Ersaq l-hawn.

Bella: (Wara li taħsiba għal ftit, tersaq lejh) Bgħat nixtri erba' sfineġ għal mat-te, għażiż tiegħi. (Taqbadlu idu)

Mr. M. Bgħat tixtri l-isfineġ, Eh?

Bella: Iva. Ta' l-isfineġ ma tantx igħaddi minn dit-triq... Xtaqt nagħtik sorpriża.

Mr. M. Għaliex tidher imbażża, Bella? Jaqaw ħsibt li se ngħajjat miegħek?

Bella: (Nervuża, teħles ida minn idu) Le, naf li ma kontx se tgħajjat miegħi. (Terġa' għal ħdejn it-tieqa)

Mr. M. In-nar wasal biex jintefa'...Bella, ċempel il-qampiena, jekk jgħoġbok.

Bella: (Tkun sejra biex iddoqq il-qampiena) Jaqaw, biex iżżid il-faħam? Jekk għalhekk biss, nista' nżidu jien.

Mr. M: Bella, dan, iddiskutejnieh kemm il-darba...Għamilli pjaċir, doqq dik il-qampiena.

Bella: Imma, għażiż tiegħi, Lizzie mhix hawn bħall-issa...marret tixtrili....Ħalli nżidu jien...din, mhix ħaġa diffiċli. (Tersaq lejn iċ-ċumnija biex iżżid il-faħam)

Mr. M: (Iwaqqafha billi jestendi idu lejha) Le, le, le....Fejnha Lizzie? Jekk din mhix hawn allura sejjaħ lit-tifla....

Bella: Imma.....

Mr. M. Mur u doqq dik il-qampiena...Isa, obdini.

(Mrs. M. iċċedi u tmur biex iddoqq il-qampiena)

Bella, is-sefturi għal fejn taħseb li qiegħdin?

(Bella ma twieġibx. Pawsa)

Weġibni, Bella. Għalfejn nħaddmuhom magħna lis-sefturi?

Bella: (Mistħija u bikkemm tinstama') Naħseb li biex jaqduna,Jack.

Mr. M: Preċiżament...Allura, għaliex?......

Bella: Jiena nħoss li wieħed għandu jimmoderhom, dak kollu.

Mr. M. Timmoderhom? Qed terġa' tħawwad mill-ġdid...Skond kliemek, dawn is-sefturi għandhom jitħallsu bla ma jaħdmu...Taf li Elizabeth tieħu sittax il-lira fis-sena? U dik it-tifla tieħu għoxrin oħra? Bejniethom it-tnejn għandhom sitta u għoxrin lira...Jekk dis-somma ma ssejħilhiex konsiderazzjoni, allura ma nafx x'tista' issejħilha.

Mrs.M: Iva...Naħseb li għandek raġun, Jack.

Mr. M. M'għandi ebda dubju li m'għandix raġun...Min jaħsiba xort'oħra ikollu moħħu dgħajjef. (Pawsa) Bella, it-temp kif inhu? Għadu kif kien?

Mrs. M. Imsaħħab ħafna...Beħsiebek toħroġ f'temp bħal dan, għażiż tiegħi?

Mr. M. Jekk sa wara t-te ma jiħżienx iżjed, b'dak il-ħsieb qiegħed.

(Tinstama' taħbita fuq il-bieb. Bella tidher ħosbiena. Taħbita mill-ġdid.)

Għaddi.

(Tidħol Nancy, is-seftura; xebba ta' xi dsatax il-sena, ħelwa, fuq tagħha u tidher li wiċċa tost.)

Nancy: (Tieqaf tħares lejhom it-tnejn waqt li Bella qiegħda taħsiba jekk għandhiex tgħidilhagħalfejn ċemplitilha.)

Aħfruli...jekk ma nizbaljax, ċempiltuli.

Mr. M. Iva, Nancy, ċempilnilek.

Bella Il-faħam spiċċa,jekk jgħoġbok.

(Nancy tħares lejha b'ħarsa żorra, imbagħad bi tbissima ċkejkna tbaxxi rasha u tmur iżżid il-faħam fiċ-ċumnija.)

Mr. M. (Wara pawsa) Kif int hawn, tista' tixghel il-gas ukoll, Nancy. Dad-dlam, wara nofs in-nhar ma nistax insofrih izjed.

Nancy: Tajjeb, sinjur. (Bi tbissima ohra taqbad il-kaxxa tas-sulfarini u tmur tixghel iz-zewg lampi tal-gas li hemm fuq kull-naha tac-cumnija.)

(Jack iqum, jitmattar u jersaq isahhan riglejh quddiem ic-cumnija. Waqt li Nancy qieghda tixghel it-tieni lampa, Jack jidher li qed josservaha)

Mr. M. Nancy, il-lejla qed narak isbah mis-soltu...Ghandek wicc ta' wahda tosta...Sewwa qed nghid?

Nancy: Emminni, ma nafx x'inti tghid.

Mr. M. Ghidli, jaqaw qsamt xi qalb ta' xi zaghzugh iehor?

Nancy: Ma kontx naf li jien naqsam il-qlub, sinjur.

Mr. M. M'intix tghid il-verita'. U xi tghidli ghal dak il-kulur li ghandek fuq wiccek? Dak mhux naturali.

Nancy: Sejjer imqarraq, sinjur...Il-lewn li ghandi, naturali.

(Tersaq biex tnizzel il-blinds, taghlaq il-purtieri u tixghel il-lampa ta' fuq ix-X.)

Mr. M. Il-lewn taf taghmlu bis-sengha...dan, hadd ma jista' imerih...Ghidli x'kuluri tuza, Nancy... Ma tghidulniex isem l-ispizjar li tixtri minn ghandu? Ghall-inqas inkunu nistghu nghidu lil Mrs. Manningham tixtri minn ghandu, b'hekk ittajjar is-sfurija li ghandha fuqha. Tibzax hija tihqa' tafhulek.

Nancy: Kieku niehu gost naghmlu dan, sinjur.

Mr. M. Nibza' li n-nisa jghiru hafna ghal xulxin u ghalhekk mhix haga hafifa li haga ghaziza juruha lil nisa ohra.

Nancy: Jien ma nghir ghal hadd, sinjur. Tordnaw xi hag'ohra?

Mr. M. Le, Nancy...dak kollox...Jonqosni biss it-te.

Nancy: Dal-waqt mieghek, sinjur.

(Nancy tohrog)

Bella: (Wara pawsa, aktar biex tlumu milli biex tinkorla mieghu) Jack, ghaliex qed tittrattani b'dal-mod?

Mr. M. Ghaziza tieghi, int is-sid tad-dar...kien dmirek li tghidilha biex izzid il-faham.

Bella: Mhux ghalhekk qed nghidlek...Int qed tumiljani quddiemha.

Mr. M. Dan int iggibu b'idejk...Lis-sefturi, int, tqishom bhalna. Ma taghmel ebda distinzjoni bejnietna, ghalhekk, jien ikolli nittrattaha bhala seftura.

(Jaqbad il-gazzetta u joqghod fuq id-divan)

Wara kollox jien m'ghedtilha xejn...Kont qed niccajta.

Bella: Ma nistax nifhem kif ma tintebahx li qed toffendini... Dik it-tfajla ga hadet rih zejjed fuqi...Kull ma nghidilha tipprova tghaddini biz-zmien...tidhaq bija.

Mr. M. Tidhaq bik? X'idea! U x'iġagħlek taħseb li qiegħda tidħaq bik?

Bella: Rajtha kemm il-darba. Kif twarrab minn quddiemi, tbaxxi rasha u tinfexx tidħaq. Dan l-aħħar ma baqgħetx tidħaq bija bil-moħbi...Bdiet tidħaq f'wiċċi u issa bdiet biex anqas nilħaq niftaħ fommi li ma tidħirx dik it-tbissima nkrepattiva fuq xofteјha.

Mr. M. Imma, għażiża tiegħi, jekk tassew qiegħda tidħaq bik, taħseb li mhux ħtija tiegħek?

Bella: (Pawsa) Allura trid tfisser li jiena tad-daħq?

Mr. M. Jien ma rrid nfisser xejn....Taf x'naf ngħid li kull-messa li jagħmel dak l-ikun, int, tifimha ħażin...Nixtieq li kont aktar f'sensik...Ersaq l-hawn u ħallik minn dawn il-ħmerijiet....Kont qed naħseb f'xi ħaġa sabiħa.

Bella: Xi ħaġa sabiħa? Jaqaw, Jack?

Mr. M. Qabel tiġi hawn, ħdejja, ma ngħidlekx.

Bella: (Tersaq lejh u toqgħod fuq stool, ħdejh) Għidli, Jack. X'int taħseb sabiħ?

Mr. N. Qiegħed naqra f'dal-ġurnal li Mr. Mac Naughton - l-attur ċelebri -jinsab f'Londra għal staġun ieħor.

Bella: Iva, dak l-avviż qrajtu...B'daqshekk?

Mr. N. B'daqshekk? X'taħseb int?

Bella: Jack!... Qiegħda nifhmek tajjeb? Possibbli? Beħsiebek toħodni nara lil Mac Naughton?

Mr. M. Jekk trid tmur taraħ, jien lest biex nieħdok.

Bella: (Ferħana) Jack!...Kemm qed tagħtini gost.

Mr. M. Meta tixtieq tmur taraħ? Skond dan l-avviż, għandna żmien tlett ġimgħat.

Bella: Oh!..X'gost!... Stenna ftit ħalli nara...Meta nistgħu mmorru?

Mr. M. (Iħares lejn l-avviż fil-ġurnal) Nistgħu narawk fil-kummiedja jew fit-traġedja...l-għażla f'idejk...Fiex tixtieq taraħ jaħdem, Bella? Fit-traġedja jew fil-kummiedja?

Bella. Emminni, ma nafx x'nibda nagħżel...Fit-tnejn nieħu gost naraħ....Int x'tagħżel?

Mr. M. Jiddependi...jiddependi jekk tridx tidħaq jew jekk tridx tibki.

Bella: Jien nidħaq irrid mhux nibki...imma, stenna... jiena nieħu gost nibki wkoll...Iva...bit-tnejn nieħu gost...kemm nibki u kemm nidħaq. Jack, x'ġagħlek tiddeċiedi li toħodni t-Teatru?

Mr. M. Dan l-aħħar int imxejt miegħi ntajjeb ħafna u allura ħsiebt u rajt li noħorġok ftit biex inderrilek.

Bella: Jack!... Int twajjeb wisq miegħi.... Possibbli li issa bdejt tifhimni?

Mr. M. Bella, mingħalija,jien,dejjem fhimtek.

Bella: Iva, iva, Jack...għandek raġun... Kull m'għandi bżonn li nderri ftit...li nibdel l-ambjent ta' did-dar...li nara lilek tieħu ħsiebi...Iva, jekk kemm il-darba, jien, naljena rasi, inkun ħafna aħjar milli jien...Jekk insib x'jaljenani nagħmel ħilti kollha biex inkun aħjar....

Mr. M. Bella, m'inhix nifhmek sewwa. Xi trid tfisser, tkun aħjar?

Bella: Ma tafx? Qed ngħid għal dak li ġrali dan l-aħħar,imma, aħna ftehemna li ma nsemmu xejn iżjed fuq dak is-suġġett.

Mr. M. Le, le...Tkellimnix fuq hekk...Ma rridx nisma'.

Bella. Jien m'inhix se nkellmek fuq hekk, imma dak li kont qiegħda ngħidlek huwa tant importanti.....Jien nħossni wisq aħjar l-aktar dil-ġimgħa li għaddiet...Ma osservajtnix, int? U x'taħseb li għamilli tajjeb? Għax qgħadt hawn int miegħi... għax kont twajjeb. Il-lejl l-ieħor, meta int qgħadt tilgħab il-karti miegħi, stħajjiltni f'dak iż-żmien li bdejna ninnamraw Meta dħalt fis-sodda ħassejtni f'saħħti...qisu qatt ma kelli xejn imbagħad, l-għada, meta qgħadt taqragħli dak il-ktieb, ħdejn iċ-ċumnija, ħassejt imħabbti titkebbes għalik...
U f'dak il-lejl, irqadt bħal tarbija...dak il-ħolm ta' biża...dak it-twerwir tas-soltu, f'salt wieħed għeb fix-xejn u dan ġara għaliex int tajtni ftit millħin tiegħek...għaliex qgħadt ħdejja, tkellimni, ialjenani u kultant tgħidli xi kelma ta' mħabba...Għal ftit, int, nissejtni d-dwejjaq ta' din id-dar.

Mr. M. Naħseb li mhux jien għamiltlek tajjeb, imma l-mediċina...din, bdiet tagħmel l-effett tagħha.

Bella. Le, Jack, mhux il-medicina...Għalkemm din, ma stajtx inniżżilha kont noħodha bl-akbar skruplu...Jien għandi bżonn xi ħaġa aqwa mill-mediċina li qiegħda nieħu....Għandi bżonn mediċina oħra.... dik li sserraħli moħħi...li tqanqal fija nteress f'xi ħaġa.... Tifhem x'irrid ngħidlek, għażiż tiegħi?

Mr. M. Irġajna waqajna fis-swied il-qalb ta' qabel...Sewwa qed ngħid?

Bella: Iva....Għandek raġun!.. Ma rridx li nġedwdu qalbna mill-ġdid.... nixtieq biss li int tifhimni...Għidli Jack...għaidli li int tipprova tifhimni.

Mr. M. Tajjeb. Taħseb li jien ma fhimtekx?...M'għadnix kemm għedtlek li se nieħdok it-teatru?

Bella: Għandek raġun...Illum, int, ferraħtni...Iva, ninsab ferħana ħafna.

Mr. M. Allura x'sejrin naraw? Kummiedja jew traġedja? Trid tiddeciedi.

Bella: (Ferħana, b'solennita' kbira) Għidli int, Jack...X'l-aħjar? (Tqum u turi l-hena tagħha b'mossi ta' ferħ) Għalija xorta, basta mmur t-teatru...dak hu l-importanti...qiegħed tifhimni? Sejra t-tetaru!.. (Tgħanqu u tbusu. Taħbita mal-bieb) Għaddi!

(Tidħol,Nancy bi tray f'idejha. Pawsa, sakemm tasal bieħ ħdejn iċ-ċumnija fuq il-lemin)

Le, Nancy. Il-lum noħduh fuq il-mejda.

Nancy: (B'ċerta tustaġni) Kif jgħoġbok Madam....

(Pawsa, waqt li qed tqiegħed it-tray fuq il-mejda. Tirranġa l-kikkri u twarrab xi kotba fil-ġenb.)

Bella: (Hdejn il-mantlepiece) Nancy, ghidli ftit...Kieku kellek tmur it-teatru u kellek taghżel bejn kummiedja jew traġedja, x'kont taghżel?

Nancy: Jien, Madam? Kieku jien, dejjem kummiedja naghżel.

Bella: Tassew? U ghaliex taghżel kummiedja, Nancy?

Nancy: Ghal iex inhobb nidhaq, Madam

Bella: Thobb tidhaq? Nahseb li ghandek raġun...dan, ma rridx ninsieh....Mr. Manningham se jehodni l-ġimgha d-diehla.... Qieghda tifhimni?

Nancy: Fhimtek, iva....Nittama li tiehu gost....U issa, se nġibilkom l-isfineġ.

(Nancy tohroġ. Waqt li Nancy tkun hierġa, Bella tghajjibha billi tohroġ ilsiena. Jack jilmaghha.)

Mr. M. Ghażiża tieghi, tista' tghidli x'int taghmel?

Bella: Hallieha tohodha la tridha.

Mr. M. Imma, nista' nkun naf x'ghamlitlek?

Bella: Lil dik, ghadek ma tafhiex...B'harsitha u b'dik it-tbissima nkrepattiva taghha, tittormentani kull x'hin tghaddi minn hdejja...Int, ghandek raġun, ghaliex ma taghtix każ... Ghaliha, jien, xi mara sempliċi...tad-dahq...Ghall-inqas, issa, ikollha issefri l-ahbar li int se tohodni t-teatru.

Mr. M. Dan, kollu immaġinazzjoni tieghek, Bella.

Bella. Le, le...mhux immaġinazzjoni...Ahna konna familjari wisq maghha...(Tirranġa xi siġġijiet waqt li turi li hija ferhana) Ejja oqghod hdejja, ghażiż tieghi...Int oqghod f'tarf u jien noqghod fl-iehor...l-istess bhal żewġt-itfal żghar.

Jack: (Iqum u joqghod wieqaf, dahru lejn iċ-ċumnija) Bella, illum qed narak ferhana wisq...Jehtieġ li nibda niehdok it-teatru ta' sikwiet la darba dan qed jaghmlek hienja.

Bella: Iva, Jack...nixtieq li tibda tohodni ta' sikwiet.

Jack: Ma nafx ghaliex ma bqajniex immorru...Meta kont żghir, kont miġnun wara t-teatru, tant hu hekk, ma nafx inthix se temminni kelli ambizzjoni kbira li xi darba nsir attur.

Bella: Nemmnek, ghażiż tieghi...Imma, issa, ersaq halli tiehu t-te.

Jack : Bella, int ma tistax tifhem kemm hi haġa sensazzjonali li wiehed jiehu sehem u jintilef f'karattru ta' bniedem iehor. kieku issuktajt fil-hajra li kelli, kieku llum sirt attur tajjeb.

Bella: Sewwa qed tghid...Int ġejt mahluq biex tkun attur...Dan, ma jista' jiċhdu hadd.

Jack : (Jaqsam bil-mod ghal fuq ix-Xellug) Ghelejt ghax ma komplejtx nistudja...Ma ghandniex x'inghidu, ma kenitx tkun haġa hafifa...wiehed kien jehtieġ taghlim u eżerċizzju kbir, b'dan kollu ghandi f'rasi li kont nasal.

(Nancy tidhol bl-isfineġ; tqieghdhom fuq il-mejda u terġa' tohroġ)

Bella: Żbaljajt ma kemplejtx.

Jack : Ma nafx....(Jegghed bilqieghda fuq il-mejda)

Bella: Kieku sallum sirt attur famus...kien ikolli pultruna t-teatru minghajr ma nhallas...kont niġi kull-lejla narak tirreċta, taghmel is-suċċessi, imbaghad, wara, kont niġi narak ħiereġ mill-bieb tat-teatru...X'hena!.. X'ħajja sabiħa!...

Jack : Ħajja li tixba minnha malajr, għażiża tieghi...M'ghandi ebda dubju, wara ftit serati, int kont tibqa' d-dar bħal ma qed taghmel issa.

Bella: Le, le...ma kontx nibqa' d-dar...Kien ikolli negghed ghassa ta' dawk ix-xbejbiet li kienu jintilfu warajk.

Jack : Taħseb li dawn kienu se jintilfu warajja? Ħaġa sabiħa.... Ħaġa li tħajrek taqbad dik il-karriera.

Bella: Naf, naf... raġel ħażin!... Naf li dawn, int, tħobbhom, imma jien kont inkun ghassa tieghek. (Terfa' l-ghatu li taħtu hemm l-isfineġ) Kemm jidhru sbieħ!... Ma ħadtx gost li xtrajthom? Ara, hawn il-melħ...Dan, ftit, hux tassew? Minn dan ghandek bżonn munzelli kbar...Jack, aħfirli...qieghda niċċajta....Il-lejla qieghda nħossni ferħana wisq....

Jack : Sewwa qieghda tghid...Tassew tidher ferħana.

Bella: Se teħodni t-teatru....Ħu sfinġa....Meta kont ċkejkna, dawn, kont niġġennen ghalihom....Ilna ma nieklu hom ħafna...Mindu iżżewwiġna ma kilnihom qatt. Tiftakar li xtrajnihom xi darba? Sa fejn naf jien qatt ma xtrajnihom.

Jack : (Iqum minnufieh, iħares lejn il-ħajt tal-faċċata tieghu, jitkellem kalm imma minaċċjus.) Ma nafx...ma nafx meta xtrajnihom l-aħħar....Bella!....

Bella: (Wara pawsa, b'leħen bil-kemm, kemm jiftiehem) X'ġara? X'inqala, Jack?

Jack : (Jersaq lejn iċ-ċumnija u jitkellem dahru lejha) Ma nixtieqx ninkwietak, Bella... imma qieghed nesserva li hawn xi ħaġa nieqsa...Nitolbok li sakemm jien qieghed dahri lejk terġa' tqieghedu floku, imbaghad, qisu ma ġara xejn... Manitkellmux iżjed fuq hekk.

Bella: Xi ħaġa nieqsa...Imma, x'hawn nieqes? F'ġieħ Alla, tegghedx dahrek lejja...Ghidli x'ġara.

Jack : Taf tajjeb x'ġara, Bella...Jekk terġa' tqieghdu floku, naħfirlek.. ma nghidlek xejn iżjed.

Bella: Ma nafx x'qed tghid...Emminni, ghadni ma nistax nifhem... Ħallejt it-te' qudiiemek...Ghidli x'hawn nieqes.

Jack : Trid tghaddini biż-żmien, Bella? Dak li hawn nieqes, postu kien hemm, f'dak il-ħajt li ghandek warajk...Jekk terġa' tqieghdu f'postu, ninsa kollox....

Bella: Il-ħajt ta' warajja!... X'hemm nieqes? (Iddur) Iva!... Il-kwadru m'ghadux hemm...Iva...Il-kwadru!..Min qalghu minn hemm? U...ghalfejn qalghuh?

Jack : Preċisament...dan li rrid naf.... Ghalfejn qalghuh minn hemm Bella, int biss tista' twiġibni...int biss tista' tghid ghaliex inqala' dak il-kwadru minn loku...Ftit ilu, ġara

l-istess ħaġa. Bella, tista' iġġibu mnejn qiegħed u tqiegħdu mill-ġdid f'loku?

Bella: Imma, jien, ma ħbejtux...Mhux jien qlajtu minn postu.... Alla tiegħi!...Ħares lejja, Jack!... Emminni, mhux jien neħħejtu minn hemm...Ma nafx x'sar minnu...Bilfors li qalgħu xi ħadd ieħor.

Jack : Xi ħaddieħor? Allura trid tgħidli jien qed neħloq minn żniedi?

Bella: Le, Jack... qiegħda ngħid li mhux jien, imma ħaddieħor. (Tersaq lejh) Naħlef li dak il-kwadru mhux jien qlajtu... Xi ħaddieħor...mhux jien...le, mhux jien.

Jack : Xi ħaddieħor, eh? Ħaddieħor....(Jimbuttaha) Mur minn quddiemi...B'għemilek iġġagħlni nistmerrek...Bniedma bla sens....(Jersaq lejn il-qampeiena? Issa naraw jekk hux ħaddieħor.

Bella: Le, Jack...Iddoqqhiex dik il-qampiena....Nitolbok.... Iġġibx quddiemi lis-sefturi biex tlumni quddiemhom...Nerġa' ngħidlek li mhux jien, imma nitolbok....lis-sefturi issejħilomx...Għidilhom li ċempiltilhom bi żball... li ma għandekx bżonnhom.....

(Sa dat-tant, Jack, ġa daqq il-qamppiena. Bella tersaq lejh)

Eġja niddiskutu bejnietna...Lil dik ix-xbejba, nitolbok, iġġibhiex quddiemi....

Jack : (Jimbuttaha l-ura) Ersaq l-hemm...Oqgħod bilqiegħda. (Jersaq lejn iċ-ċumnija) Xi ħaddieħor!...Issa naraw!...

(Bella tinsab fuq il-pultruna, tibki u tolfoq)

Jaqbillek tħejji ruħek għal quddiemhom.

(Taħbita fuq il-bieb)

Għaddi!

(Tidħol Elizabeth)

Ah!..Elizabeth...Għaddi, għaddi.... Jekk jgħoġbok, għalaq dak il-bieb....

(Pawsa sakemm Elizabeth tagħlaq il-bieb) u tavvanza fil-kamra.)

Elizabeth, qiegħda tosserva xi ħaġa nieqsa f'dil-kamra? Ħares b'attenzjoni mal-ħitan u għidli jekk ~~xxxxxxxx~~ jonqosx xi ħaġa. Ħarist sewwa? X'osservajt?

Elizabeth: Xejn, sinjur, ħlief li hemm nieqes dak il-kwadru. (Tindika l-post b'ida)

Jack : Preċisament...Dak il-kwadru ġie maqlugħ minn postu...Hekku, int mill-ewwel inbaħt...Issa, irridek tgħidli jekk dalgħodu meta farfart il-kamra, jekk il-kwadru kien għadu hemm.

Eliż.: Iva, sinjur...Hemm kien għadu għaliex farfartu...Ma nistax nifhem.....

Jack : Anqas jien, Elizabeth, anqas jien.... Issa, qabel tmur, mistoqsija oħra...Dak il-kwadru, int, neħħejtu minn hemm?

Eliż.: Le, sinjur...sgur li mhux jien.

Jack : Tajjeb!...iImma, qatt qlajtu minn posti xi darba?

Eliz.: Le, sinjur, qatt....Jien, għalfejn għandi immissu dak il-kwadru?

Jack : Sewwa qed tgħid...M'għandek ebda raġuni u issa, jekk jgħoġbok nitolbok tbus dik il-bibbja li hemm fuq dik li skrivanija bħala xhieda tal-verita' li qiegħda tgħid.

(Pawsa. Elizabeth tidher ħosbiena, imbagħad tbus il-bibbja)

Tajjeb, tista' tmur. Jekk jgħoġbok, għid lil Nancy li rridha minnufih.

Eliz.: Tajjeb, sinjur.

(Elizabeth toħroġ waqt li tħares lejhom it-tnejn)

Bella: (Tersaq lejh) Jack, tħallihiex tiġi quddiemi...Iddaħħalhiex f'dil-kamra....Jien ma ngħid xejn iżjed, anzi ngħid li neħħejtu jien...Iva, Jack, jien qlajtu minn hemm...Nitolbok, tressaqhiex quddiemi.

Jack : Trid issikket ilsienek?

(Bella terġa' toqgħod bilqiegħda. Tinstama' taħbita mal-bieb)

Għaddi.

(Tidħol Nancy)

Nancy: Riedtni, sinjur?

Jack : Iva, Nancy, riedtek...Jekk tħares mal-ħajt, fuq in-naħa tax-xellug, tosserva li l-kwadru li kien hemm qabel, ġie mneħħi.

Nancy: (Tinżel l-isfel fuq ix-xellug) Iva, sewwa qed tgħid. M'għadux hemm...kważi, kważi, dak il-ħajt, aħjar mingħajru.

Jack : Nancy, ma tlabtx kummenti minn għandek...Nitolbok li tkun inqas insolenti u twieġeb għall-istaqsejtek...Int neħħejtu dak il-kwadru?

Nancy: Jien? Sgur li mhux jien...Jien se noqgħod naqla l-kwadri?

Jack : Tajjeb u issa, jekk jgħoġbok, bus dik il-binnja...Aħlef li mhux int neħħejtu, imbagħad, tista' tmur.

Nancy: Bil-qalb kollha, sinjur.... (Tbus il-bibbja bit-tbissima tas-soltu) Kieku neħħejtu jien, ma kontx.....

Jack : Dak kollox, Nancy...Tista' tmur....

(Nancy toħroġ)

(Jersaq biex jieħu l-bibbja biex iqiegħda fuq li skrivanija, faċċata) U issa, rajna ċar min neħħieh.

Bella: (Tqum) Tini dik il-bibbja....Tiħieli!....Irrid inbusha jien ukoll. (Toħodielu minn idu) Hekku. (Tbusha) Rajtni inbusha? (Terġa' tbusha) Qiegħed tarani nbusha għat-tieni darba?

Jack : (Bħal mistagħġeb) Bella? Taf x'inti tagħmel? Trid, issa tagħmel sagrileġġ ukoll?

Bella: Le, m'inhix naghmel sagrilegġ...Haddiehor qed jaghmlu, dan... Nahlef quddiem Alla li dak il-kwadru ma missejtux b(idejja.

(Tbus mill-ġdid il-bibbja).

Jack : Allura, ikolli nghid li int miġnuna u li ma tafx x'inti taghmel...Bniedma bla mohh.. Int miġnuna...miġnuna bhal ma kienet ommok.

Bella: Jack, kont weghedtni li dil-kelma ma tghidieli qatt iżjed.

Jack : Wasal il-waqt li nitkellmu ċar, Bella...Jekk int tibqa' sejra hekk, ma tantx tista' ddum taht il-protezzjoni tieghi.

Bella: Jack...sejra nitolbok ghall-ahhar darba...iva, ghall-ahhar darba...Jien, mara ddisprata...Imma, m'inthix tara li jien fgata f'demmi?...Jekk dan, int, m'intix tarah, allura nghidlek li int raġel bla qalb...li ghandek qalb taż-żonqor.

Jack : Kompli....kompli ghid dak li ghandek tghid....

Bella: Jista' jkun li jien qieghda niġġennen bhal ma kienet ommi, imma jekk qatt qieghda nitlef is-sensi, int ghandek tohodni bil-hlewwa...Insejjah l-Alla xhud tieghi...li jien qatt m'ghedtlek kelma b'ohra...Jekk jien qlajt dak il-kwadru minn loku, dan ghamiltu bla ma naf...iva, bla ma naf u jekk fl-okkażjonijiet ta' qabel nehhejtu minn hemm jien ukoll... l-istess...ma kontx naf x'jiena naghmel. Jack, jekk jien nisraqlek l-affarijiet tieghek, iċ-ċrieket, iċ-ċwievet, il-lapsijiet u l-imkatar, imbaghad issibhom f'qiegh il-kaxxa tal-hjata tieghi, bhal ma ġie li ġara, nghidlek li ma nafx li sraqtomlok jien....Jack, jekk jien qed naghmel dawn l-affarijiet bla sens.... Ghidli, ghalfejn ghandi noqghod naqla dak il-kwadru u mmur nahbieh f'xi post li wiehed jista' isibu malajr? Jekk jien tassew qed naghmel dawn il-hmerijiet allura bilfors li qieghda niġġennen, imma, jekk huwa hekk, jien ghandi niġi ittrattata b'manieri helwin, ġentili, biex forsi b'hekk, nfieq u mhux niġi mehuda bil-herra u bi kliem iebes. Alla jaf...iva jaf li jiena qieghda naghmel hilti kollha....Jack, emminni...Qieghda naghmel minn kollox biex ma nitlifx sensija...Nitolbok li ma tkunx iebes mieghi.

Jack ; Bella, ghażiża tieghi.... Ghandek xi hiel fejn jinsab dak il-kwadru bhall-issa?

Bella: Iva...Nahseb li jinsab wara dak l-armarju.

Jack : Jimporta jekk tmur tara hux hemm?

Bella: Le...xejn affattu.....

(Bella tmur hdejn l-armarju, fuq ix-X. u minn warajh, tohroġ il-kwadru.)

Iva...hawn qieghed.

Jack : Iġifieri kont taf fejn qieghed, Bella...Kont taf fejn hbejtu.

Bella: Le!..Le!... Issopponejt fejn jista' jkun....Issopponejt li qieghed hemm ghaliex ġa sibnieh hemm darbtejn ohra...Tifhem, Jack, li jiena ma kontx naf li qieghed hemm? Nerġa' nghidlek ma kontx naf li qieghed hemm.

(Bella tersaq lejh bil-kwadru f'idejha)

Jack : Bella, m'hemm ebda serjeta' billi wiehed joqghod idur mal-kamra bi kwadru f'idejh. Mur u erġa' qieghdu floku.

(Bella iddendel il-kwadru u tinżel fuq ix-X. tal-mejda)

Bella: Ara...t-te' insejnieh...Konna qieghdin nieklu l-isfineġ......

Jack : Bella, ftit ilu ghedtlek li jeħtieġ li nitkellmu ċar...Iva, jeħtieġ...Għall-issa, m'jien se ngħidlek xejn għaliex demmi inħossu f'rasi...tant hu hekk li sejjer nħroġ...Nissuġġerilek li tmur f'kamartek...toqgħod għal ftit fuq pultruna fid-dlam.

Bella: (Tinżel l-isfel mill-mejda) Le, le, mhux fil-kamra tiegħi... F'ġieħ Alla, tibagħtnix hemmhekk.

Jack : Ħadd m'hu se jibagħtek bilfors, Bella...Int taf...hawnhekk, int tista' tagħmel li trid...li jgħoġbok...kull ma tixtieq.

Bella: Jack...Qed iħossni ħażin..... Iva...qed iħossni ħażin.

Jack : Tajjeb....(Iressaqha lejn id-divan) Ikkalma u oqgħod bilqiegħda...Fejn hu l-ħall? (Jersaq lejn il-cupboard) Hawn qiegħed...(Pawsa) U issa, għażiża tiegħi, inħallik fil-kwiet.

Bella: (B'għajnejha magħluqin, waqt li tintelaq aktar mistrieħa) Bilfors trid toħroġ? Bilfors? Dejjem tħallini waħdi wara xeni bħal dawn?

Jack : M'hemmx argumenti...Wara t-te, ikolli noħroġ....Illum se noħroġ ftit aktar kmieni mis-soltu...dak kollu....

(Il-kappell u l-kapott jinsabu fus siġġu, l-isfel, fuq ix-X. Jinżel biex jilbishom. Pawsa)

Tridni nnewwillek xi ħaġa qabel immur?

Bella: Le, Jac k...tista' tmur.

Jack : Tajjeb. (Jersaq lejn il-bieb u jieqaf) Bilħaqq....Kif se ngħaddi minn quddiem tal-grocer, aħjar inħallsu. Fejn qiegħdtu l-kont, għażiża tiegħi? Tajtulek biex terfgħu x'imkien.

Bella: Iva, Jack...Qiegħdtu fuq li skrivanija. (Kważi se tqum) Ħalli.....

Jack : Le...M'hemmx għalfejn tqum...Titħarrikx minn hemm...Ħalli nfittxu jien.

(Jersaq lejn li skrivanija u jibda ifittex)

Taf fejn qiegħdtu, Bella? Jaqaw tfajtu f'xi kexxun?

Bella: Le...fuq li skrivanija ħallejtu, fil-wiċċ...Qiegħdtu hemm, il-lejla wara nofs in-nhar.

Jack : Tajjeb...issa nsibu...issa nsibu....Imma, int sgura li qiegħdtu hawn? Hawn ma jidhrix.

Bella: (Tagħti salt biex tqum, ħosbiena) Jack, jiena sgura li ħallejtu hemm. Qiegħed tfittxu sewwa?

Jack : (Kalm) Tajjeb...kollox sew, għażiża tiegħi...Tħabbilx rasek. Ibqa' fejn int...m'hemmx għaġġla għalieh...xi mument insibu. Le...hawn ma jidhrix...bulfors li qegħedtu f'xi kexxun.

Bella: Jien ma qiegħdtux fi kxiexen...Ħallejtu hemm, fil-wiċċ ta' li skrivanija. (Tiġri lejn li skrivanija) M'intix se tgħidli li ma sibtux ukoll, hux?

Jack : Bella, ikkalma...ikkalma.

Bella: (Tfiċċu b'ħeġġa kbira) Qiegħdtu hawn jien stess...Fejn mar?

(Tiftaħ u tagħlaq il-kxiexen) Fejn inħeba? U issa, se tgħidli li ħbejtu jien.

Jack : (Jersaq fuq ix-X.) Alla tiegħi!... Sejra iġġenninni!..

Bella: Wara l-ikel kien hemm...Qegħedtu jien stess...Dan, qiegħdin tagħmluh apposta....din konfeffa!..., Inthom ilkoll kontra tiegħi...iva, konfeffa.....(Tibki kemm tiflaħ)

Jack : (Jersaq lejha, jaqbadha minn drieghha u igħeżżiża bil-goff) Se tikkontrolla ruħek? Trid tisma'? Madam, ismagħni x'se ngħidlek...Jekk tgħid kelma oħra,,bid-daqqa li naghtik, nisturdik u naqflek f'kamartek, fid-dlam...inħallik hemm ġimgħa sħiħa...Jien kont twajjeb wisq miegħek, imma issa, jeħtieġ li nimxi miegħek xort'oħra.

Bella: (Taqa' għarkoptejha) Alla tiegħi!.. Igħini Int...Igħini Int!...

Jack : Iva hekk kellek bżonn...hekk kellek bżonn...Issa, ifhimni x'se ngħidlek. Sa l-għaxra se nħallik waħdek...Sa dak il-ħin, jeħtieġ li ssib dak il-kont u tammetti quddiemi li int ħbejtu apposta...jekk le, ikollok issofri l-konsekwenzi...Ikollok tara tabib, anzi mhux wieħed...aktar minn wieħed...Imbagħad jiddeċiedu humma x'ifisser dan l-aġir tiegħek...Qiegħda tifhimni x'jiena ngħidlek?

Bella: Alla tal-ħniena....Jack...ħu ftit paċenzja bija...Jekk jiena miġnuna titlifx sabrek miegħi.

Jack : Paċenzja bik ħadt biżżejjed, issa imiss lilek li tikkontrolla ruħek...Jekk ma tagħmilx dan, ikollok issofri l-konsekwenzi... (Wasal fuq il-bieb) Ftakar x'jiena ngħidlek.

Bella: Jack...Jack.... Tmurx, nitolbok.... Jack...Għadek beħsiebek toħodni t-teatru?

Jack : U għandek il-wiċċ tagħmilli mistoqsija bħal din? Le, Madam, m'inhix beħsiebni nieħdok teatri...Imxi miegħi tajjeb u nimxi miegħek tajjeb...Jekk jiena u int se nkunu egħdewwa, ibqa' sgura li jien noħroġ rebbieħ.

(Jack joħroġ igerger bejnu u bejn ruħu. Bella tmur fuq li skrivanija u tibda tfittex fil-kxaxen waqt li tinfexx tibki. Tibda tfittex madwar il-kamra, iżżomm moħħa u tibki. Wara ftit, tintefa fuq id-divan u tinfexx f'bikja twila. Pawsa. Tqum u tersaq lejn mejda ċkejkna u tieħu xi mediċina. Għadha ma tistax temmen u t-telfa ta' dan il-kont tħossha qiegħda tiddispraha. Tidħer tixxengel. Tersaq lejn il-lampa u tbaxxi d-dawl. Tersaq lejn id-divan u bejnha u bejn ruħha)

Alla tiegħi!... Ikollok ħniena minni!... Ħniena minni!..

(Tintelaq esawrita fuq id-divan u minn taħt l-ilsien tinstama' tlissen:)

Alla tiegħi!..Alla tiegħi!... (Imbagħad, tinfexx tibki. Pawsa. Taħbita mal-bieb. Ma tismagħhiex. Taħbita oħra u minnufieh tidħol Elizabeth.)

Eliz. : Madam...Madam....

Bella : X'ġara, x'ġara, Elizabeht? Ħallini...Ħallini fil-kwiet.

Eliz. : (Itteftef fid-dlam) Madam, hawn xi ħaddirid ikelmek.

Bella: Elizabeth....Għidlu imur.... Għidlu lir-raġel mhux hawn... Lilu irid u mhux lili...

Eliz. Madam, das-sinjur lilek irid...Irid ikelmek senz'altru.... Qalli li jeħtieġ li int tarah.

Bella: Nitolbok, Elizabeth...Ħallini waħdi fil-kwiet...Għidlu imur... Irrid noqgħod waħdi.

Eliz. Madam...Madam, jien ma nafx x'għaddej bejnek u bejn ir-raġel tiegħek, imma hemm bżonn li int tagħmel kuraġġ.... liż-żomm iebes.

Bella: Inħossni qiegħda niġġennen...Dak li hu għaddej bejni u bejn ir-raġel tiegħi.......

Eliz. Madam...Jeħtieġ li tagħmel kuraġġ....M'għandekx toqgħod hawn bilqiegħda, fid-dlam...Jekk tagħmel hekk, allura tiġġennen tassew...Madam, lil das-sinjur hemm bżonn li tarah...tara x'irid...Lilek irid u mhux lis-sinjur... Qiegħed jistenna isfel...Qum minn hemm...jien ngħinek....

Bella: Alla tiegħi!...Forsi ġej xi turment ieħor? Jien ma niflaħx...Temmen li ma niflaħx, Elizabeth?

Eliz. Ħalli ngħolli d-dawl....(Tgħolli d-dawl) Issa jgħaddilek.

Bella: (Toqgħod fuq id-divan) Elizabeth!... Bħall-issa ma nista' nilqa' lil ħadd...M'inix f'sura li nara nies.

Eliz. Int liebsa tajjeb....Qum fuq tiegħek...Issa, nista' ngħidlu igħaddi.

(Elizabeth tersaq lejn il-bieb u tinstama' tgħajjat)

Sinjur, tista' titla.

(Bella qiegħda tħares lejha, kważi paralizzata, imbagħad tigri lejn il-mera li hemm fuq il-mantlepiece u tirranġa xagħha. Toqgħod wieqfa darha lejn iċ-ċumnija, tistenna. Elizabeth tibqa' l-ura, iżżomm il-bieb miftuħ. Ex-Detective Rough jidħol. Jidher li għandu madwar is-sittin sena, xagħru griż, qasir, f'saħħtu, żorr u dħuli fl-istess ħin. Jiddomina s-sitwazzjoni sa minn kif jidħol in-xena.)

Rough: Grazzi. Good evening. (Jersaq fuq il-L.) Jekk ma niżbaljax, int, Mrs. Manningham. Kif int, sinjura?

Bella: (Teħodlu b'idu) Kif int? Aħfirli... imma.....

Rough: Ma tafnix, hux tassew?

Bella: Trid tkellem lil żewġi, hux tassew?

Rough: (Li għad għandu ida f'idu, iħares lejha ċass) Le, le... Bil-maqlub ta' dak li qed tgħid...Għażilt dal-ħin li i niġi hawn għaliex naf li żewġek jinsab barra. Jimporta jekk n-neħħi l-coat u noqgħod bilqiegħda?

Bella: Iva, iva... Oqgħod, oqgħod bilqiegħda.

118



Rough: Madam, int attaenti u iżghar aktar milli kont naħseb. Wiċċek jidher sfajjar....Jaqaw kont qieghda tibki?

Bella: Iva....Jien stess anqas naf x'inhu jiġrili.

Rough: Ma ddumx ma tkun taf, Madam....(Jersaq fuq ix-X. u jibda ineħħi l-mufler) Int hija dik il-mara li qieghda titlef sensiha....Sewwa qed nghid?

Bella: (Tersaq lejh, sorpriża) X'ġaghlek tghidli hekk? Minn int? Fuqhiex ġejt tkellimni?

Rough: (Ineħħi l-coat u waqt li iqieghdu fuq siġġu) Naghtik kelmti li ma ġejtx hawn biex inkellmek fuq it-temp...tassew li dan ta' min jikkomta fuqu, imma int, Mrs. Manningham qieghda tghaġġel wisq...ma nistax nwieġbek kollox f'daqqa. Minflok li nwieġbek sejjer naghmillekxi żewġ mistoqsijiet. Jimporta jekk tiġi hawn u taghtini idek? (Pawsa. Bella tobdi) Issa, Madam, irridek tħares eljjasewwa u tara jekk tistax tavda fija bla biża ta' xejn... Lili, ma tafnix u ghalhekk ftit u xejn tista' taqra fuqi f'ghajnejja..... Jien fil-ħbub ta' ghajnejk nista' naqra ħafna fuqek.

Bella: Kif? U x'tista' taqra fuqi?

Rough: F'ghajnejk, nista' nara sinjali ta' waħda li sofriet ħafna... sofriet minn-niket u mid-dubju u nibża li ghad baqaghlek issofri ftit ieħor...Iva, ftit ieħor ghaliex it-tmiem mhux fil-boghod. Xi tghidli, beħsiebek tavda fija? Beħsiebek tismaghni bil-kalma kollha? Jien akbar minnek.... tant jien akbar minnekli tista' tghid niġi missierek.

Bella: (Pawsa) Minn int? Alla jaf li neħtieġ ghajnuna.

Rough (Ghadu qed iżommilha idejha) Din l-ghajnuna tinsab quddiemek Beħsiebek tavda fija?

Bella: Imma, ghidli minn int.... Xi tabib?

Rough: Le m'inix tabib...sempliċement detective tal-pulizija pajżana.

Bella: Detective tal-pulizija?

Rough: Iva. Biex nghid issew, detective, kont ghaxar snin ilu... Bdankollu ghadni detective sallum ghaliex qed nintebahli kont qieghda tieħu t-te u kellek tieqaf...Jimporta jekk tkompli ħalli nieħu kikkra mieghek jien ukoll?

Bella: Le, ma jimpurtax...Ħalli nferraghlek kikkra...Mishun biss jonqos.

(Matul did-diskussjoni li gejja, tibda tferrah il-mishun fit-tea-pot)

Rough: (Jaqbad siġġu u jressqu lejn il-mejda) Madam, possibbli li qatt ma smajthom isemmuh liċ-ċelebri surġent Rough. Is-Surġent Rough kien kixef il-każ tad-djamant ta' Claudesby. Dak l-istess surġent li kien wassal quddiem il-Qorti lil Sandham...Tghidlix li qatt ma smajthom isemmuh.

Bella: Sandham? Iva, dan kien qattiel....Niftakar....

Rough: Iva, Madam...Sandham il-qattiel u bħall-issa, quddiemek ghandek lil dak li wassal lil Sandham f'idejn il-Bojja.. Mrs. Manningham, quddiemek ghandek bniedem li fiż-żmien kien maghruf hafna.

Bella:

Bella: Nista' naħseb. Ma toqghodx bilqieghda? It-te ma jaħraqx wisq.

Rough: Grazzi. (Tressaq is-siġġu lejn il-mejda) Madam, tista' tghidli xi kemm ilek miżżewġa?

Bella: Sebgha snin maghluqa.

Rough: U f'daż-żmien kollu, fejn kont toqghod?

Bella: (Tferraghlu l-ħalib u tnewwillu l-kikkra tatote) Għall-ewwel konna sifirna, imbaghad konna morna noqghodu f'York-shire u xi sitt snin ilu, r-raġel ħa din id-dar.

Rough: (Jaqbad il-kikkra) Grazzi. Allura, ir-raġel tieghek, kulljum iħallik waħdek, filghaxija?

Bella: Iva. Imur il-każin fejn hu soċju...Hemmhekk, jghid li imur ukoll biex jaghmel xi negozju.

Rough: Hekk taħseb, Madam? (Iħawwad it-te, ħosbien)

Bella: Iva.

Rough: Sakemm ir-raġel tieghek ikun barra, int tista' taghmel li trid fid-dar?

Bella: Iva....Stenna!... Le!... Fis-sular ta' fuq ma nistax immur. Imma, ghaliex qed tistaqsini?

Rough: Ah!... Fis-sular ta' fuq ma tistax tmur......

Bella: Le...Le... Trid zokkor iżjed? X'Kont qed tghidli? (Toqghod bilqieghda u tinkina l-quddiem lesta biex twieġbu b'ansieta')

Rough: Qabel ma nkomplu, Madam, jeħtieġ li nghidlek li f'did-dar, mhux kull ma jinghad jibqa' mistur...Hemm xi hadd li dak li isir hawn ġew, iwasslu barra. Int ghandek mieghek seftur li jisimha Nancy.

Bella: Iva.

Rough: Kull-filghaxija, Nancy toħroġ passiġġata ma' wieħed żagħżugh li jaħdem mieghi. ~~Ekalxmaxtafx~~ Jien ma noqghodx il-boghod wisq minn hawn...Xi tliet kantunieri.....

Bella: Tassew?

Rough: Iva....Nista' nghidlek li kull ma jiġri hawn ġew, Mr. Booker ikun jafu kelma b'kelma u dan, imbaghad, jiġi jghidu lili.

Bella: Kont nobsru dan...Iva kont naf li din tmur tpaċpaċ barra u issa li m'ghandix dubju iżjed, nilliċenzjaha.

Rough: Le, Madam... Nancy m'għandhiex tiġi mħallsa b'dal-mod, anzi nghidlek li dak li ghamlet, int, ghandek tibqa' taf/ulha ... Kieku ma kiex dan in-nuqqas tagħha, kieku bħall-issa, jien, ma ninsabx hawn.

Bella: Xi trid tfisser? X'inhu dal-misteru kollu? Int m'għandekx tħallini fid-dlam...Irridek tghidli kollox.

Rough: Nibża li ghal ftit ieħor ikolli nħallik fid-dlam, ghaliex jien ukoll, ghadni ma nafx kollox. Nista' nieħu ftit zokkor ieħor?

Bella: Isbaħ din!... (Tnewwillu z-zukkariera.)